# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

## Seduta numru 45 tas-Sitt Leġislatura
## Illum it-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Update fuq il-proġett ta' Darrenzi
5. Sejħiet għall-Tenders u Qwotazzjonijiet
6. Laqgħa dwar il-permessi tal-kiosks tal-Festa
7. Attivitajiet: Festival Ħidmet Missirijietna u Ħuġġieġa ta' San Ġwann
8. Pubblikazzjoni ta' Il-Miġbħa
9. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsilliera Maria Said kienet skużata.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 *dwar punt 3.7* : Clayton Gauci informa li kienet ser issir laqgħa ma' Eiden Xuereb dwar dan ir-restawr u li kien ser iżomm lill-Kunsill infurmat.

1.3 *dwar punt 7.2* : Clayton Gauci informa li l-attivitjiet kienu saru u l-flus li nġabru mill-klubb tal-Volleyball kienu għaddew bħala donazzjoni lill-istituzzjonijiet tal-karita'.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.4 Korrispondenza mill-MEUSAC u l-AKL dwar sejħiet tal-programmi tal-ERDF li ser jinħarġu dalwaqt.

2.5 Korrispondenza mingħand Heritage Malta dwar il-proġett tal-EARDF, REBACA, biex isuri studju u monitoraġġ tal-ħamrija f' siti qrib Kastell Zammitello u iċ-Ċimiterju.

2.6 Approvazzjoni mingħand Transport Malta li Triq l-Iskavi ssir one-way għall-perjodu ta' prova.

2.7 Korrispondenza dwar talba ta' 'Keep Clear' quddiem il-maħżen tal-festa fi Triq il-Kurat Chetcuti. Wara diversi diskussjonijiet, ġie maqbul li ma jkunx għaqli li jitneħħa spazju ta' parkeġġ mill-pjazza. Madanakollu ġie deċiż li ssir tabella biex titpoġġa fil-post meta jkun ser ikun hemm xogħol f' post u b' hekk ma jsirx parkeġġ f' dawk il-ġranet.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li peress li, hekk kif spjegat f' punt 3.2 tal-aħħar seduta, is-Sinjura Eugenia Mifsud kienet infurmat li kienet beħsibha tispiċċa mix-xogħol tat-tindif tal-bini tal-Kunsill, kien qed jipproponi soluzzjoni temporanja billi tissejjaħ is-Sinjura Mary Abela sakemm tinstab soluzzjoni. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

32. Is-Sur Eman Vella ippropona li, wara li kien ġie elett Kunsill ġdid f' Mathi, l-Italja, kellha tintbgħat nota ta' awgurji mingħand il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb din.

## 4. Update fuq il-proġett ta' Darrenzi

4.1 Is-Sindku informa li kien ġie ffirmat il-kuntratt għall-dan il-proġett u li id-Deput Sindku, is-Sur Eman Vella kien ġie appuntat bħala koordinatur tal-proġett.

4.2 Parti mill-proċeduri ta' dan il-kuntratt kien jesiġi li jinfetaħ kont bankarju biex fih u minnu jsiru it-transizzjonijiet kollha relatati. Dan infetaħ mal-HSBC Bank (fergħa tal-Mosta) fil-11 ta' Ġunju.

4.3 Eman Vella informa li wasal fil-konkluzjoni il-proċess biex isir id-devoluzzjoni mill-Diviżjoni tal-Artijiet.

4.4 Eman Vella informa wkoll li fil-proġett ser isiru 3 toilets (tan-nisa, tal-irġiel u tal-persuni bi' bżonnijiet speċjali), osservatorju tal-ħġieġ, railings tal-injam, paving fid-daħla tal-proġett, kif ukoll restawr estensiv ta' madwar 680 metru ta' ħitan tas-sejjieħ.

## 5. Sejħiet għall-Tenders u Kwotazzjonijet

5.1 Saret sejħa għall-tenders u kwotazzjonijiet, hekk kif imnizzla hawn taħt :

- **Tender MGR 2012/02** – Materjal ta' *Instant Road-Repair* għat-tiswija ta' toroq
- **Tender MGR 2012/03** - Servizz ta' *Accontant* mal-Kunsill
- **Tender MGR 2012/04** - Servizz ta' bini u manteniment ta' *Fixed-Asset Register*
- **Tender MGR 2012/05** - Servizz ta' manutenżjoni tal-aperturi tal-injam tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv

L-offerti għat-tenders għandhom jaslu sal-5:30pm ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K8 -** Aperturi tal-aluminium għad-Day–Care Centre fil-Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K9 -** Micro-Blinds għad-Day-Care Centre fil-Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K10 -** Servizz ta' ipprintjar ta' materjal għall-amministrazzjoni tal-Kunsill

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K11 -** Servizz ta' Sigurta' għad-depożiti bankarji

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K12 -** Materjal ta' *stationery*, karti u affarijiet oħra simili għall-amministrazzjoni

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K13** Servizz ta' Tindif tal-bini tal-Uffiċċju Amminsitrattiv

Dawn is-sejħiet għall-offerti jintlaqgħu sas-2:30pm tat-Tlieta 19 ta' Ġunju 2012.

**6. Laqgħa dwar il-peermessi tal-Kiosks tal-Festa**

6.1 Wara talba li rċieva il-Kunsill mingħad is-Segretarja tal-Għaqda Kultura Festa Mġarr biex jinstabu postijiet alternattivi għall-kiosks tal-festa ta' Santa Marija minħabba rotta ġdida tal-purċissjoni, il-Kunsill sejjaħ laqgħa mas-sidien tal-permessi ta' dawn il-gabbani. Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sindku, Eman Vella u Clayton Gauci, flimkien ma' 11 mis-sidien tal-permessi. Matul din il-laqgħa inqrat it-talba u ġew diskussi diversi alternattivi fosthom li l-gabbani jinħarġu fi' triq Fisher, ħdejn l-iskola, jew Triq il-Kbira wara il-knisja, filwaqt li l-gabbani tal-ġugarelli jintramaw ġdejn xulxin.

6.2 Wara aktar diskussjonijiet, issejjħet laqgħa oħra li għaliha ser jiġu mistiedna rappreżentanti tal-Għaqda Kultura Festa Mġarr kif ukoll il-Pulizija tal-għassa tal-Mosta biex titkompla d-diskussjoni u possibilment jintlaħaq ftehim dwar dan.

**7. Attivitajiet: Festival Ħidmet Missirijietna u Huġġieġa ta' San Ġwann**

7.1 Eman Vella informa li peress li kien hemm problema bid-data peress li diversi parteċipanti ma setgħux jattendu fid-data proposta, saret talba biex dawn l-attivitajiet isiru fis-6 ta' Lulju. Din it-talba intlaqgħat u ġie aċċettata mill-Evaluation Board u issa ġie ippubblikata.

7.2 Ser jitkomplew ukoll sensiela ta' laqgħa tal-Kumitat Żgħażagħ flimkien mal-Kummissjoni Park biex jitkomplew il-preparamenti għall-dawn l-attivitajiet.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**8. Pubblikazzjoni ta' Il-Miġbħa**

8.1 Eman Vella informa li kien beda' jirċievi l-artikli għall-pubblikazzjoni ta' Il-Miġbħa. Semma li waħda mill-aktar kitbiet interessanti jidher li sedr ikun l-artiklu ta' Profs. David H. Trump dwar il-wirt pre-istoriku tal-Imġarr.

8.2 Il-pubblikazzjoni li jmiss ppjanata li tinħareġ għall-nofs ix-xahar ta' Awwissu.

**9. Affarijiet Mixxellanji**

9.1 Giovanni Gatt talab dwar possibilta' li titneħħa l-iskip ta' Binġemma.

9.2 Clayton Gauci u Eman Vella infurmaw bil-pjan li jsir il-beach-volley tournament fil-bajja tal-Ġnejna. Dan isir fuq jumejn, bil-finali u bbq fl-aħħar ġurnata.

9.3 Maria Said irrappurtat problema ta' skart fil-Ġnejna u għamlet talba biex jiżdiedu il-bins fejn jintrema' l-iskart u fejn jintrema' il-faħam.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :20pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 24 ta' Lulju fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku